# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

***Magistrat Dr. Noel Cuschieri LL.D., Mag.Jur. (Euro. Law)***

***Kump: 63/00***

***Pulizija***
***Spettur Paul Micallef Grimaud***
***v***
***Charles Sciberras***

Illum 05 ta' Frar 2002

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuzi migjuba kontra l-imputat huma bazati fuq is-segwenti reati: **Serq aggravat bil-mezz, valur, hin u natura tal-haga kif ukoll Hsara Volontarja**

Illi mill-kumpless tal-provi iddelinja ruhu is-segwenti kwadru tal-fatti.

Illi fis-7 ta' Jannar 2000 ghall-habta ta' l-10.00pm persuna intlemhet iddur ma' karozza proprjeta' ta' Mario Decelis u minn hemhekk, wara li kkagunat hsara fl-imsemmija vettura, serqet stereo minnha.

Illi il-Qorti tosserva li ghalkemm ir-reati fuq indikati jikkonfiguraw ma rrizultax sodisfacentament provat l-awtur ta' dawn ir-reati.

Il-persuna li sostniet li gharfet lill-imputat ma setghetx tigi rintraccjata mill-pulizija, nonostante diversi differimenti li nghataw lill-prosekuzzjoni ghal dan l-iskop, u ghalhekk ma giex prodott bhala xhud.

Il-Qorti tosserva li l-akkuzi migjuba ma jistghux ireggu stante li ma giex provat nexus criminis bejn l-attivita kriminuza in dizamina u l-imputat.

Ghal dawn il-mottivi tiddeciedi billi ma ssibx l-imputat hati skond l-akkuzi u tilliberah minnhom.

***Dr. Noel Cuschieri***
***Magistrat***

***Vera Kopja***

***Bruno Zahra***
***Deputat Registratur***